

Ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni talli, fid-deċiżjoni kkontestata, illimitat, mingħajr ġustifikazzjoni, il-possibbiltà li kwoti għal emissjoni ta' CO₂ jiġu trasferiti mill-ewwel perijodu (2005-2007) għat-tieni perijodu (2008-2012), u b'hekk kisret l-Artikoli 9(3) u 13(2) tad-Direttiva 2003/87/KE. Għalhekk, ir-rikorrenti qiegħda ssostni li l-Kummissjoni aġixxiet *ultra vires*.

Ir-rikorrenti tilmenta wkoll li l-Kummissjoni kisret rekwiżiti proċedurali essenzjali fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti ma kellhiex quddiemha, qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni, ir-raġunijiet li abbażi tagħhom il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tieħu d-deċiżjoni tagħha. Għaldaqstant, skond ir-rikorrenti, hija ma kinitx f'pożizzjoni, b'mod partikolari, li tevalwa l-kompatibbiltà tad-deċiżjoni kkontestata ma' l-Artikolu 175(2)(c) KE flimkien ma' l-Artikolu 7(1) KE.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li, billi ħadet id-deċiżjoni mingħajr ma kkonsultatha minn qabel u billi ma ħaditx in kunsiderazzjoni l-bilanċ ta' enerġija speċifiku tal-Polonja, il-Kummissjoni tista', permezz tad-deċiżjoni kkontestata, taffettwa s-sigurtà ta' l-enerġija tar-rikorrenti u għalhekk aġixxiet *ultra vires*.

(¹) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Meju 2007 —
Daishowa Seiki vs L-UASI — Tengelmann
Warenhandelsgesellschaft (BIG PLUS)**

(Kawża T-438/05) (¹)

(2007/C 155/76)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Il-President ta' l-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 96 tat-22.4.2006.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Meju 2007 —
Marie Claire vs L-UASI — Marie Claire Album (MARIE
CLAIRE)**

(Kawża T-148/06) (¹)

(2007/C 155/77)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 190 tat-12.8.2006.